**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 159/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Rod Cini**
**(ID 220182(M))**

**Illum: 29 ta' Settembru 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Rod Cini**, iben John u Lorenza nee` Vassallo, imwieled il-Pieta` nhar l-4 ta' April 1982, residenti Blk A, Flat 2, Telgħat Raħal Ġdid, Paola, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 220182(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fis-27 ta' Lulju 2014 u fix-xhur ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar

il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli sar reċidiv wara sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija lilu nhar il-5 ta' Mejju 2011 mill-Maġistrat Dr. M. Hayman LL.D u ta' nhar id-19 ta' Ġunju 2012 mill-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D, liema deċiżjonijiet saru definittivi;

4. U aktar talli kiser kundizzjoni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' nhar it-23 ta' Novembru 2012 mill-Maġistrat Dr. A. Demicoli LL.D, liema deċiżjoni saret definittiva.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-partijiet irrimettew ruħhom għall-provi prodotti u għad-deċiżjoni tal-Qorti, b'dan illi d-difiża żiedet ukoll illi m'għandhiex tingħata piena karċerarja effettiva sabiex ma jintilifix il-progress li sar mill-imputat sa dakinhar.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

Nhar is-27 ta' Lulju 2014, għall-ħabta tal-11.00 p.m., Pulizija mir-*Rapid Intervention Unit* ossia PC 454 David Bugeja u PC 538 Raymond Azzopardi arrestaw lill-imputat odjern ġewwa l-Marsa, wara li nnutawh ġewwa vann abjad ipparkjat fl-akkwati tal-*Marsa Sports Ground*. Huma għamlu tfittxija fl-istess vettura, fejn sabu xi oġġetti relatati mal-użu tad-droga, ossia siringa b'xi likwidu fiha, li kienet fuq is-*seat* tal-passiġġier, mgħarfa, lazz u sikkina. L-istess imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-28 ta' Lulju 2014[1], wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx[2].[3]

Illi mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Professur Emanuel Sinagra, maħtur bħala espert f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza Dok. JC ossia sikkina, siringa bil-likwidu, lazz u kuċċarina li ġew esebiti mill-Ispettur Jonathan Cassar f'dawn il-proċeduri fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2016[4], jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella mmarkat **SB/58/2016** li kien fih *evidence bag* **S00761773**, liema borża kien fiha sikkina b'manku kannella, mgħarfa bit-traċċi ta' sustanza kannella, u siringa bi traċċi ta' likwidu kannella.

Mill-konklużjonijiet tal-istess espert dwar l-imsemmija dokumenti jirriżulta:

"**Illi fuq estratt meħuda mis-sustanzi li hemm fid-dokument … instabu traċċi tas-sustanza <u>Kokaina</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta**."

Mill-istess relazzjoni jirriżulta in oltre illi t-traċċi tas-sustanza kokaina nstabu fis-sustanza kannella (fuq il-mgħarfa) u fil-likwidu kannella (fis-siringa).[5]

F'dawn il-proċeduri xehdet diversi drabi l-Uffiċjal tal-*Probation* Maryanne Zammit, ossia l-Uffiċjal tal-*Probation* li kienet qed issegwi lill-imputat fuq Ordni ta' *Probation* mogħti lill-imputat minn din il-Qorti kif diversament preseduta, kif ukoll fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni mogħti minn din il-Qorti kif preseduta nhar id-29 ta' Novembru 2017[6]. Fix-xhieda tagħha tal-15 ta' Marzu 2017, hija xehdet illi l-imputat dak iż-żmien kellu problema ta' droga u kien jattendi d-*Detox*, fejn kien qed jiġi segwit minn Dr. Joseph Tonna. Hija tgħid illi minn Diċembru 2016, l-imputat beda jħalli kampjuni tal-urina nodfa, iżda minn Jannar 2017, ma baqax regolari fl-attendenza tiegħu għall-appuntamenti u l-kampjuni

---

[1] Din tinsab esebita a fol. 7 u 8 tal-proċess.
[2] Id-dikjarazzjoni tal-imputat li huwa kien qed jirrifjuta l-jedd għall-parir legali tinsab esebita a fol. 9 tal-proċess.
[3] F'dan is-sens ara x-xhieda tal-ex-Spettur Pierre Grech (a fol. 12 sa 15 tal-proċess); ix-xhieda ta' PS 601 Justin Spiteri (a fol. 22 sa 24 tal-proċess); ix-xhieda ta' PC 538 Raymond Azzopardi (a fol. 25 sa 27 tal-proċess); ix-xhieda ta' PC 509 Jurgen Pace (a fol. 29 sa 30 tal-proċess); u x-xhieda ta' PC 454 David Bugeja (a fol. 35 sa 37 tal-proċess.
[4] Ara l-verbal tal-14 ta' Lulju 2017, a fol. 34 tal-proċess.
[5] Ara din ir-relazzjoni a fol. 48 sa 57 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 38 u 58 tal-proċess.

tal-urina bdew jirriżultaw fil-pożittiv għall-*cannabis* u għall-eroina. F'dak l-istadju, l-Uffiċjal tal-*Probation* kienet qegħda tispera li l-imputat jottjeni ftit stabilita`, anke għaliex apparti l-problema tad-droga, huwa kellu wkoll diversi problemi mediċi.[7] Fix-xhieda tagħha tad-29 ta' Novembru 2017, imbagħad, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* xehdet illi kien hemm perjodu li fih l-imputat kien qed juża d-droga sintetika, iżda minn Awwissu 2017, huwa reġa' qabad it-triq tal-istabilita`, il-kampjuni tal-urina bdew dejjem jirriżultaw fin-negattiv u beda jaħdem biex isib xogħol.[8] Fix-xhieda tagħha tal-14 ta' Marzu 2018, l-Uffiċjal tal-*Probation* xehdet ukoll illi l-progress tal-imputat baqa' wieħed tajjeb, kien qed jaħdem, u l-kampjuni tal-urina li tteħdulu baqgħu jirriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti.[9]

Mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* tal-14 ta' April 2019, jirriżulta wkoll illi minkejja li kien hemm perjodu bejn Novembru u Diċembru 2018, li fih l-imputat kien qed jirriskontra problemi familjari, madankollu sa dakinhar tax-xhieda tagħha, reġa' beda juri progress, kien regolari fl-attendenza tiegħu għas-sessjonijiet magħha u l-kampjuni tal-urina rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Hija tgħid ukoll illi f'dak l-istadju l-imputat kien għadu qed jirreżisti li jidħol fi programm sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, u allura kienu qed jaħdmu miegħu minn barra, b'dan illi meta kienet tinħass il-ħtieġa, huwa kien jiġi riferut id-*Dual Diagnosis Unit.*[10]

Mir-rapport ta' andament tal-istess Uffiċjal tal-*Probation* tal-14 ta' Mejju 2020[11], jirriżulta illi fl-ewwel tliet xhur tas-sena 2020, l-imputat kien jinsab rikoverat ġewwa l-Isptar Monte Karmeli. Skont il-pjan ta' kura, huwa kellu jibqa' hemmhekk u sussegwentement imur ġewwa d-DDU, sabiex wara jkun jista' jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni. Madankollu, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* ġiet infurmata illi l-imputat, minn jeddu, kien telaq mill-isptar fis-17 ta' Marzu 2020. Sussegwentement, minħabba l-pandemija tal-*Covid-19* ma kienx possibbli għall-imputat li jerġa' jidħol l-isptar u għalhekk minħabba l-problemi ta' saħħa li huwa jbati minnhom ġie rakkomandat lilu sabiex jibqa' ġewwa u joħroġ biss għall-*methadone*. Fil-frattemp hija baqgħet iżżomm kuntatt regolari mal-istess imputat permezz tat-telefon. Nhar it-13 ta' April 2020, hija ġiet infurmata mill-ġenituri tal-imputat li huwa kien qed joħroġ u jdum barra. Dwar dan huwa stqarr li kien abbuża mid-droga u għalhekk saru pjanijiet sabiex jerġa' jidħol ġewwa l-isptar Monte Karmeli, fejn fil-fatt daħal fis-16 ta' April 2020. Madankollu, kuntrarjament għall-pjan ta' kura li ġie mfassal għalih, l-imputat reġa' ħareġ mill-isptar nhar id-29 ta' April 2020, stante li kellu l-kilba għall-kokaina. Minn hemm

[7] Ara a fol. 31 sa 33 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 39 sa 41 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 43 sa 45 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 63 sa 66 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 71 u 72 tal-proċess.

reġa' beda joħroġ ma' sħabu u jqatta' ħinijiet twal barra. Fil-bidu ta' Mejju 2020, ġie mkeċċi mid-dar tal-ġenituri tiegħu, wara li ntalbet l-għajnuna tal-pulizija.

Permezz ta' rapport ieħor ta' andament tal-Uffiċjal tal-*Probation* tal-25 ta' Mejju 2020[12], hija nfurmat lill-Qorti illi l-imputat kien baqa' għaddej fl-istess ħajja, fejn anke kien qed jorqod barra. Fid-19 ta' Mejju 2020, ġiet infurmata illi l-imputat kien jinsab rikoverat l-isptar wara li ħa f'daqqa *anti-depressants* u mediċini oħrajn u wara ġie trasferit ġewwa l-isptar Monte Karmeli.

Fix-xhieda tagħha tat-8 ta' Lulju 2020, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* ikkonfermat dan kollu u kompliet tixhed illi minn dakinhar l-imputat daħal ġewwa d-DDU fejn baqa' sas-26 ta' Ġunju 2020, iżda wara telaq minn jeddu u reġa' beda jorqod barra. Skont ix-xhud, bl-għajnuna u l-intervent tal-ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Sedqa, beda joqgħod ġewwa Dar Frate Francesco.[13] Fix-xhieda tad-9 ta' Novembru 2020, l-Uffiċjal tal-*Probation* xehdet illi fil-11 ta' Settembru 2020, l-imputat reġa' ġie rikoverat l-isptar stante li kien ħa xi pilloli u ntilef minn sensih, iżda minn hemm ġie trasferit ġewwa l-isptar Monte Karmeli, imbagħad lejn id-*DDU* u fid-19 ta' Ottubru 2020, daħal għall-programm ta' rijabilitazzjoni fi ħdan il-Komunita` Santa Marija. Sa dakinhar kien sejjer tajjeb.

Fl-aħħar xhieda tagħha tad-9 ta' Frar 2021, l-Uffiċjal tal-*Probation* tixhed illi l-imputat ħareġ mill-programm stante li kiser regola tal-programm, liema regola kardinali ma kellhiex x'taqsam mad-droga, iżda sa dakinhar kien sejjer tajjeb, kien qed jerġa' jgħix mal-ġenituri u kampjun tal-urina li ttieħidlu fi Frar 2021 rriżulta fin-negattiv għal sustanzi lleċiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok irid jingħad illi l-Qorti mhijiex ser tqis bħala ammissibbli l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-28 ta' Lulju 2014, ossia fiż-żmien meta huwa ma kellux u allura ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, u dan stante li tali jedd ma kienx daħal fil-liġi Maltija fiż-żmien in kwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **<u>Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat</u>**, fejn il-Qorti qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti f'dak il-każ fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

> "26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu

[12] Ara a fol. 73 u 74 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 76 sa 80 tal-proċess.

ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti <u>Mehmet Zeki Celebi v. Turkey</u> (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that <u>it is only in very exceptional circumstances</u> that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza <u>Ibrahim and Others v. the United Kingdom</u> tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza <u>Beuze v. Belgium</u> tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-

> kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.
>
> Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

Fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu, l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. F'dawn iċ-ċirkostanzi, fid-dawl tas-sentenza **Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat** appena ċitata, sabiex ma jkun hemm l-ebda riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-imputat, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq l-istqarrija tiegħu bħala prova u għalhekk qegħda tiskartaha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, mill-provi prodotti jirriżulta illi nhar is-27 ta' Lulju 2014, l-imputat instab fil-pussess ta' oġġetti relatati mal-użu tad-droga, fosthom mgħarfa u siringa b'xi likwidu li, skont ir-relazzjoni tal-espert il-Profs. Emanuel Sinagra, kienu jikkontjenu traċċi tad-droga kokaina.

M'hemmx dubju mill-provi prodotti, illi fil-lejl in kwistjoni, l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina, u dan qed jingħad mhux biss għaliex instabu traċċi tad-droga kokaina fis-siringa u fuq il-mgħarfa msemmija - oġġetti dawn li jintużaw fit-teħid tad-droga - bis-siringa tinstab fuq is-*seat* tal-passiġġier tal-vettura li fiha kien qiegħed l-imputat, iżda wkoll fid-dawl tas-sejba tal-lazz, oġġett ieħor relatat mal-użu tad-droga, u tal-fatt li l-imputat instab waħdu f'post imwarrab fil-ħinijiet ta' bil-lejl.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata, b'dan illi din tirriżulta biss in kwantu s-27 ta' Lulju 2014 u mhux ix-xhur ta' qabel din id-data.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, madankollu, skartata l-istqarrija tal-imputat, m'hemm l-ebda prova fl-atti li turi li fil-lejl in kwistjoni jew fix-xhur ta' qabel, l-imputat kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ossia l-addebitu tar-reċidiva, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebietx vera kopja tas-sentenzi li għalihom issir referenza f'din l-imputazzjoni. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela** tal-10 ta' Settembru 2004:

> "Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi dan l-addebitu ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

Finalment, permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli kiser kundizzjoni mogħtija lilu permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Audrey Demicoli tat-23 ta' Novembru 2012. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Demicoli, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Rod Cini' tat-23 ta' Novembru 2012, mil-liema sentenza jirriżulta illi l-konnotati tal-imputat f'dak il-każ, inkluż in-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, huma identiċi għal dawk tal-imputat odjern. Għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi l-imputat f'dik is-sentenza huwa proprju l-imputat tal-lum. In oltre jirriżulta wkoll minn din is-sentenza illi l-istess imputat ingħata liberazzjoni kundizzjonata ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perjodu ta' tliet snin minn dakinhar tal-istess sentenza. Dan ifisser illi r-reat odjern ġie kommess mill-imputat proprju fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza. In oltre mill-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sat-3 ta' Awwissu 2021, ma jirriżultax illi l-imputat appella minn din is-sentenza.

Għalhekk il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

Għal fini ta' pieni, il-Qorti qieset il-fedina penali aġġornata tal-imputat, mil-liema jirriżulta illi matul is-snin, l-imputat instab ħati ta' reati kontravenzjonali, reati kontra r-regolamenti tat-traffiku, serq aggravat, ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu

95 tal-Kodiċi Kriminali, frodi b'egħmil qarrieqi, misapproprijazzjoni u falsifikazzjoni ta' dokumenti, kif ukoll ta' serq sempliċi.

Tqis ukoll madankollu, illi mill-istess fedina penali jirriżulta illi l-aħħar reat kommess mill-imputat jirrisali għas-sena 2017, li dwaru huwa ngħata liberazzjoni kundizzjonata għal żmien sena fl-2018.

Il-Qorti qed tqis in oltre n-natura tar-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni li tiegħu ser jinstab ħati l-imputat, kif ukoll illi matul iż-żmien huwa kien maħkum mill-vizzju tad-droga, liema vizzju jidher li wasslu sabiex jikkommetti diversi reati. Tqis ukoll illi mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* jirriżulta illi l-ġlieda tal-imputat ma' dan il-vizzju kienet waħda turbolenti, b'fażijiet ħżiena u b'fażijiet oħrajn fejn irreġistra progress u rnexxielu jmantni ċerta stabbilita` f'ħajtu. Il-Qorti tqis għalhekk illi l-imputat m'għandux jiġi stultifikat f'din il-ġlieda tiegħu, u dan bit-tama li jirnexxielu joħroġ mill-istess vizzju darba għal dejjem. F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll illi effettivament lanqas instabet droga fil-pussess tal-imputat, iżda traċċi tagħha, u li għalhekk m'għandhiex prova li l-ammont kien jeċċedi dak ikkomtemplat fl-Artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan għalhekk illi f'dan il-każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 4 ossia illi l-imputat jeħel il-penali hemmhekk ikkontemplata.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, inkluż fid-dawl tal-piena li tikkontempla l-liġi f'każijiet bħal dan tal-lum, il-Qorti qed tqis ukoll illi fil-waqt illi hija marbuta li titratta mal-imputat dwar il-ksur tal-liberazzjoni kundizzjonata mertu tas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tat-23 ta' Novembru 2012, li għaliha tagħmel referenza r-raba' imputazzjoni, ma jidhrilhiex li għandha teroga piena ta' priġunerija għal tali ksur. Permezz tal-istess sentenza, l-imputat instab ħati ta' frodi b'egħmil qarrieqi u approprjazzjoni bla jedd, falsifikazzjoni ta' dokumenti u użu minn dokumenti foloz. Tqis f'dan ir-rigward illi mis-sentenza esebita l-fatti tal-każ ma jirriżultawx, ħlief illi kien involut *laptop* f'valur ta' iżjed minn €232.94, iżda mhux iżjed minn €2329.37, u dan stante illi l-imputat irreġistra ammissjoni bikrija f'dawk il-proċeduri. Jirriżulta wkoll illi l-imputat ħallas lura parti sostanzjali mill-ammont dovut u ngħata żmien sabiex iħallas il-bilanċ rimanenti. Tqis in oltre illi dak il-każ jirrisali għas-sena 2012 u għalhekk fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti jidhrilha illi minflok teroga piena ta' priġunerija għar-reati li tagħhom instab ħati permezz ta' dik is-sentenza, għandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk teroga piena pekunjarja.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Rod Cini** mhux ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minnhom, iżda qed issibu ħati tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet u tikkundannah fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, għall-penali ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75).

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, qed titratta mal-ħati dwar ir-reati mertu tas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli tat-23 ta' Novembru 2012, daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dawk ir-reati u fil-waqt illi għal kull buon fini tikkonferma l-ħtija tiegħu fir-rigward tal-imputazzjonijiet mertu ta' dik is-sentenza, wara li rat l-Artikoli 21, 183, 184, 293, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta (kif viġenti fiż-żmien ta' dak il-każ), tikkundannah għall-multa ta' elf ewro (€1,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert, ix-Xjenzat Professur Emanuel Sinagra, ammontanti għas-somma ta' mija, erbgħa u disgħin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€194.51), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti esebiti bħala Dok. JC, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat